MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-17 ta' Lulju, 2012

Rikors Numru. 490/2012

**Emanuel Bonello**

**-vs-**

**Carmen Bonello**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Carmen Bonello, li ghar-ragunijiet hemm premessi talbet lil din il-Qorti:

Tirrevoka u thassar il-mandat ta' sekwestru numru 1007/1994, *ai termini* ta' l-Artikolu 281 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Taghti dawk il-provvedimenti u ordnijiet ohra necessarji u opportuni fic-cirkostanzi inkluz li jigu liberati favur ir-

rikorrenti kwalunkwe somom li gew u ghadhom depozitati fil-Qorti fl-atti ta’ dan il-mandat minghajr il-bzonn tal-kunsens ta’ l-intimat.

Rat it-twegiba ta’ Emanuel Bonello.

Rat l-atti tal-mandat de quo.

Jirrizulta illi l-mandat 1007/94 huwa mandat kawtelatorju mahrug fuq talba ta’ Emanuel Bonello biex jikkawtela l-jeddijiet tieghu waqt proceduri ta’ firda minn ma’ martu, rikorrenti odjerna.

Issa l-Art. 838 B(1) tal-Kap. 12 jipprovdi illi:

“*Sakemm ma jigix imhassar mill-Qorti jew irtirat mill-parti li tohrog il-mandat, kull mandat kawtelatorju ghandu jibqa’ fis-sehh sa hmistax-il gurnata wara li l-kawza tghaddi f’gudikat*”,
dan sakemm ma jigix rez kawtelatorju bil-prezentata tan-nota ai termini ta’ l-Art. 838 (B)(2a).

Fil-kaz in ezami, dan ma sehhx. Ghalhekk, il-Qorti tqis li l-mandat m’ghadux fis-sehh, kif del resto jammetti l-istess Emanuel Bonello fit-twegiba tieghu, att dan li juri intransigenza estrema da parti ta’ l-istess Emanuel Bonello li jirrizulta li baqa’ jirrifjuta l-kunsens tieghu ghall-opportun kontro-mandat. Li kieku wera tali dispozizzjoni, il-proceduri odjerni kienu jkunu evitati.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tar-rikorrenti u tordna li jithassar il-mandat ta’ sekwestru 1007 ta’ l-1994.

L-ispejjez jithallsu minn Emanuel Bonello.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------